MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 2232/1997/1

**Earth Care Company Limited**

**Vs**

**Kunsill Lokali San Giljan**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici tablet sabiex il-Kunsill konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sitta u erbghin lira Maltin (Lm246.00), oltre l-imghax legali, rapprezentanti f'servizz ta' tindif ta' toroq fil-Lokalita' ta' San Giljan f'Awissu 1996.

Il-kunsill konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Kunsill Lokali konvenut (fol 4 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi d-domanda tal-attur ghandha tigi michuda peress illi hija infondata fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut qatt ma inkariga lill-attur sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet li taghhom l-attur qed jitlob il-hlas.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni fil-qasir da parti tal-Avukat tal-Kunsill konvenut.

Ikkunsidrat

Illi Nazzareno sive Ronnie Balzan (fol 9 et seq ibid) jsostni, fix-xhieda tieghu, illi l-kumpanija attrici kienet issejhet "… sabiex naghmlu xi tindif fit-toroq" ta' San Giljan kif kien jigri meta l-Kunsill konvenut "… kien ikollhom xi kaz ta' emergenza". Dwar l-inkarigu in esami, kien gie ghandu il-Vici-Sindku ta' San Giljan Vincent Aquilina u t-tnejn flimkien kienu marru fuq il-post sabiex ix-xhud "wrieni ix-xoghol li kellu jsir". Sussegwentement, ix-xhud tah il-"quotation" relattiva ghall-istess xoghol liema stima kienet saret malajr ghax kien xoghol urgenti. Difatti din il-"quotation" kienet intbaghtet lill-Kunsill u l-ghada l-istess Vincent Aquilina kien qal lix-xhud "qis li taghmlu x-xoghol". Difatti x-xoghol involut kien sar fi zmien jumejn jew tlett ijiem fil-presenza tal-istess Vici Sindku. Pero l-istess Kunsill beda jsostni, wara li is-socjeta attrici kienet thallset ta' xoghol iehor, illi ma kienx ser jhallas tax-xoghol in kwistjoni "ghax … Vincent Aquilina ma kellux awtorita". Dwar dan ix-xhud semma li Vincent Aquilina "… tani x'nifhem li hu kellu l-awtorita' fil-fatt" u kompla biex jghid "… jekk persuna tghid li hi l-vici sindku u jkun xoghol urgenti, ma noqghodx inhares sabiex nara hemmx awtorita". Bhala "dokumenti", x-xhud esebixxa l-imsemmija "quotation" tax-xoghol bid-deskrizzjoni tax-xoghol involut (fol 13 ibid) liema "quotation" hi indirizzata lil Vincent Aquilina kif ukoll il-kontrattur (a fol 12 ibid). Inoltre giet esebita ittra mibghuta mill-istess Kunsill lil Vincent Aquilina minn fejn jidher li l-Kunsill qed jsostni illi "… l-ordni ta' dan ix-xoghol saret minnek u dan meta ma

kellek ebda ordni mill-Kunsill" b'kopja ta' din l-ittra tintbaghat, ukoll, lix-xhud wara li minnha jidher ukoll li saret laqgha ta' diskuzzjoni bejn il-Kunsill u x-xhud.

Ikkunsidrat

Illi s-Sindku ta' San Giljan, Peter Bonello (fol 39 et seq ibid) fix-xhieda tieghu qal li fit-13 ta' Awissu 1996, kienu ntalbu "quotations" in konnessjoni ma' tindif ta' toroq specifici in konnessjoni mal-festa tal-lokal. Minn dawk sottomessi kienet inghazlet dik tas-socjeta attrici ammontanti ghal Lm379.50,0. Fost it-Toroq li kellhom jitnaddfu kien hemm Triq Wied il-Ghomor. Dan ix-xoghol jidher li kien gie esegwit u s-socjeta attrici kienet thallset. Pero', sussegwentement , l-istess socjeta attrici ppretendiet illi l-Vici Sindku Vincent Aquilina "… kien ordna xi xoghol minghand l-istess socjeta (attrici) u dan direttament". Hawnhekk ix-xhud irrefera ghal minuti tal-laqghat tal-istess Kunsill (ara fol 43 ibid sottolineat b'"high lighter" orangjo) u dwar dan ix-xhud qal "… jirrisulta illi dan Vincent Aquilina … kien iddikjara li ma' kien ghamel l-ebda ordni dwar dan ix-xoghol". Inoltre fil-kont kontestat tissemma Triq Wied il-Ghomor specifikata fit-'tender' (korrettament "quotation") originali li thallset kollha kemm hi. Inoltre dwar il-lokalita msemmija bhala "Tigullio" (ara fol 12 ibid) din tikkonsisti f'parkegg ghal vetturi u "… ma kellhiex titnaddaf peress li l-purcissjoni ma' kellhiex tghaddi" minn hawn. Dwar dokumenti, x-xhud esebixxa kemm il-'quotation' originali sottomessa mis-socjeta attrici kif ukoll l-accettazzjoni ta' din da parti tal-Kunsill konvenut (ara fol 54 u fol 53 rispettivament). Jigi notat illi skond il-'quotation" accettat mill-istess Kunsill kien specifikat illi "… if other streets need cleaning we are prepared to clean them as well at an extra charge which will be discussed and agreed upon by both parties". Inoltre, l-istess xhud esebixxa l-kont mibghut mis-socjeta attrici (fol 51 ibid) li ma kienx kontestat u li thallas skond kif jidher a fol 50 ibid) kif ukoll it-talba li kienet saret mill-istess Kunsill lis-socjeta attrici sabiex tissottometti "quotation" dwar it-tindif ta' toroq u qtugh tal-haxix qabel u wara l-festa tal-lokal" minn fejn tghaddi il-purcissjoni". Fl-ahhar nett, ix-xhud jsostni, dwar it-tieni kont kontestat illi dan ma kienx thallas ghax "ix-

xoghol hemm iccitat ma kienx ordnat minnha” u “ … l-Vici Sindku … ma kienx ghamel ordni ta’ dan ix-xoghol”.

Illi Vincent Aquilina gie prodott, bhala xhud, mill-istess Kunsill konvenut (fol 56 et seq ibid) u dan qal li hu, bhala Vici Sindku u kunsillier kien “dejjem hadt hsieb it-tindif tat-toroq ta’ San Giljan”. Wara li s-socjeta attrici kienet giet assenjata it-“tender” sabiex jitnaddfu t-toroq ta’ San Giljan qabel il-festa tas-sena in kwistjoni hu kien jkun mal-haddiema tal-istess socjeta sabiex jara li x-xoghol kien qed jsir b’mod tajjeb f’Triq Wied il-Ghomor, hu kien insista li “… s-socjeta attrici kellha tnaddaf parti fejn in-nies kienu juzawha bhala mizbla” liema xoghol, li dam hafna kien sar. Dwar dan ix-xoghol is-socjeta attrici qed tippredenti “hlas ‘extra’ ghal dik il-parti ta’ Wied il-Ghomor li jiena semmejt li hija mizbla”. Ix-xhud, ghalhekk, jsostni li x-xoghol li ghadu kemm semma’, kien “… parti mit-‘tender’ u ma kienx xoghol extra’. Difatti skond hu, hu jghid li s-socjeta attrici “… qatt ma giet mitluba taghmel xi xoghol oltre l-“quotation”. Ftit qabel filfatt hu kien qal “Jiena dejjem sostnejt li ma kelli l-ebda jedd sabiex naghti xi ordni jien personalment. Pero tajt l-ordni biex jitnaddaf dak li semmejt bhala mizbla”.

Ikkunsidrat

Illi dwar it-talba in esami u mill-provi kif esposti il-Qorti tara li t-talba in esami ma tistax tigi akkolta peress li :-

a) F’kaz li l-meritu ta’ din il-kawza jirreferi ghal xoghol “extra”, jidher li dan kien sar minghajr l-approvazzjoni espressa tal-Kunsill konvenut. Dwar dan il-punt jidher mix-xhieda ta’ Nazzareno Balzan, stess, illi l-istess xoghol kien gie ordnat mill-Vici Sindku Vincent Aquilina, wahdu minghajr ma ghamel il-verifiki necessarji sabiex jara li kien hemm l-approvazzjoni kollettiva tal-istess Kunsill. Difatti jidher hawnhekk illi l-istess Vici Sindku agixxa “ultra vires” fatt illi ma setax ma jindunax bih l-istess Nazzareno Balzan.

b) Mill-provi jidher, fuq bazi ta’ probabilta illi x-xoghol in esami kien jifforma parti mit-tender “assenjat lill-istess socjeta attrici”. Dan il-punt gie, tista’ tghid, ikkonfermat

minn kif xehed l-istess Vincent Aquilina” kif risultanti mill-minuti tal-laqgha tal-Kunsill esebiti in atti (ara fol 43 ibid). L-istess punt, gie sostnut mis-Sindku Peter Bonello, li qal li fit-tender originali assenjat lis-socjeta attrici kien hemm inkluz it-tindif tat-triq Wied il-Ghomor, imsemmija in konnessjoni mal-kont kontestat waqt li l-lokalita’ maghrufa bhala “Tigullio” ma kelliex titnaddaf ghax minnha ma kienitx tghaddi l-purcissjoni.

c) Ma jidhirx ili kien sar xi ftehim ulterjuri bejn il-Kunsill u s-socjeta attrici dwar tindif ta’ Toroq ohra u dan “at an extra charge which will be discussed and agreed upon by both parties” cjoe s-socjeta attrici u l-Kunsill konvenut.

Illi tenut ta’ dan kollu, il-Qorti tara li, mill-provi, ma jistax jigi gustifikat skond il-ligi l-ammont pretiz fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu mill-istess socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------